# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

No. 3 IT-TLIETA, IL-15 TA' DIĊEMBRU, 1942. No. 3


## KELMTEJN MILL-EDITUR

L-IŻJED ħaġa li tatna gewwa waqt l-imblokk li kellna kienet in-nuqqas tal-ħobż. Hadd minna żgur ma jixtieq li din id-diffikultà nerggħu nsibu ruħna fiha, u l-iżjed li ma jixtieqx hu, bla dubju ta' xejn, il-Gvern.

Għaldaqshekk, l-ewwel ħaġa li għamel il-Gvern kienet li ordna lill-bdiewa ibex jiżirgħu nofs ir-raba' tagħhom bil-qamħ. Għal din l-ordni, għadd kbir ta' bdiewa ma tkellmu xejn, u aċċettaw li jagħmlu dak li talab il-Gvern għax raw il-ħtieġa ta' dan, iżda xi ftit oħra bdew igorru. Naturalment din li wieħed jikkmandak x'tagħmel hi daqsxejn ta' sikkatura, u l-bdiewa ma tantx jieħdu pjaċir biha. X'uhud minn dawn qalu illi r-raba' tagħhom ma hux addattat għaż-żrigħ tal-qamħ. Hu tabilħaqq li ssib xi qatgħa ta' raba' 'l hawn u 'l hemm li ma tkunx tajba għaż-żrigħ tal-qamħ, iżda l-biċċa l-kbira tat-tgemgim isir għax dak li jkun ma jkunx irid jimxi skond dik l-ordni.

Il-lum kulħadd jaf li dawn l-ordnijiet ma humiex maħruġin biss hawn Malta. Pajjiżi oħra li huma forsi f'posizzjoni aħjar minna għandhom ukoll ordnijiet bħal dawn mill-Gvern tagħhom. Waqt gwerra, il-Gvern ta' kull pajjiż jieħu minnufih f'idejh il-produzzjoni ta' kull ħaġa, u iżjed u iżjed il-kontroll tal-biedja. Il-Gvern bħala missier jiħtieġlu jordna li jsir dak li jinħtieġ għall-poplu kollu. Bħala missier, jiħtieġlu jmexxi l-poplu kif inhu meħtieġ u mhux kif irid.

Il-bdiewa batew ukoll min-nuqqas tal-ħobż, u għalhekk għandhom ikunu minn ta' quddiem nett li jaraw il-ħtieġa ta' din l-ordni. Il-bdiewa wkoll qegħdin jitolbu ħobż iżjed, u biex titlob ħobż iżjed u mbagħad tgħid li ma tridx, jew iġġib skuża li ma tistax tikkultiva iżjed qamħ, tkun qisek bħal meta wieħed jitlob li jissieħeb f'xi ikla imma ma jkunx irid jieħu sehem fil-ħlas tagħha!

Jekk hemm xi ħadd li tabilħaqq għandu raba' li ma hux addattat għaż-żrigħ tal-qamħ, allura dan għandu jirrapporta minnufih lill-Uffiċjal Distrettwali tar-raħal tiegħu, jew lill-Kumitat tar-Raħal tal-Għaqda tal-Bdiewa biex dawn jaraw sewwa l-kas, u jekk hu tabilħaqq hekk, iġibulu permess tal-Uffiċjal Distrettwali tal-Biedja biex jista' jagħmel ħaġ'oħra.

Hu dmirna li kull meta niddeċiedu nagħmlu xi ħaġa jew nieħdu xi pass, qabel ma noqogħdu ngergru kontra din jew dik il-ħaġa niftakru li aħna qegħdin fi gwerra qalila, u li fiha ftit tat-tbatija u sikkatura ma nistgħux neħilsu minnhom. Jiħtieġ li aħna nagħmlu dak li nistgħu, u dak li ma nistgħux—u li tabilħaqq ma nistgħux—inressquh quddiem il-Gvern kif ġà għedna.

* * *

Il-Gvern xtara l-patata minn għand il-bdiewa bil-£10 l-qantar u qiegħed jirrazzjonaha lill-poplu bl-iskut il-wiżna! Jiġifieri £1.13s.4d. il-qantar. Issa lill-Gvern ma tiġihx biss £10, għaliex fuqha barra mit-telf fil-pis li għandu, għandu wkoll ħafna spejjeż: spejjeż tas-sensala; il-ġbir tagħha, il-karrozzi, l-imħażen, it-tqassim tagħha lill-poplu u l-qligħ li jrid iħalli wkoll għal min irid joħrogħha lin-nies. Il-Gvern ħaqqu tassew prosit għal din il-biċċa xogħol, għaliex wera lill-bidwi illi hu tabilħaqq irid jistmah u jarah qiegħed tajjeb. Hi risposta għall-*quislings* u oħrajn li xogħolhom ma hux ħaġ'oħra ħlief li jqasqsu kontra l-Gvern.

Irrid nittama li l-prosit tal-bdiewa ma jkunx dak li jaħbu l-patata biex ibigħuha fis-suq moħbi!

Il-kwantità ta' patata li jieħu l-poplu tiddependi mill-kwantità li l-Gvern jiġbor minn għand il-bdiewa. Ejja nuru kemm ngħożżu din l-istima lejn il-bidwi li jrid juri l-Gvern billi nagħtu l-patata kollha li għandna barra dik li rridu nżommu għaż-żrigħ jew għall-familja.

* * *

Baqa' wisq ftit bdiewa li ma jaħartux l-art kif tinħtieġ, iżda jisgħobbina ngħidu li wkoll din is-sena rajna xi raba' li fih isir ħrit bil-ħmar u b'sikka żgħira. Dak m'hux xogħol. Xogħol minn ieħor jagħmel differenza, u jista' jagħmel differenza kbira fil-prodott. Raba' maħdum ħażin ma jlaħħaqx uċuh tajbin; il-wiċċ ibati ħafna. Barra minn dan, l-art, xi xiber taħt il-wiċċ, tibbies daqs il-konkos u ma tixrobx ilma u lanqas titrewwaħ kif jinħtiġilha. U dik il-ħażna ta' ilma li tant hi meħtieġa fis-sajf ma tistax issir fuq art maħduma hekk ħażin. L-uċuh tas-sajf ma jistgħux jitrabbew fiha.

Kulħadd jaf tajjeb li fejn jonqos l-ilma tonqos il-ħajja. L-art malajr titlef l-indewwa tagħha, jekk ma tkunx maħduma tajjeb. Filwaqt li fejn il-ħrit isir skond is-sengħa, allura tinqixa tkun biżżejjed biex iżżomm l-indewwa fl-art.

Fi staġun b'ħafna xita dan l-għażiq huwa bil-bosta meħtieġ għaliex l-art tixrob u b'hekk issir il-ħażna ta' l-ilma bżonnjuża. għal żmien in-nixfa jew għas-sajf. Jekk is-sena tinzerta bi ftit xita. allura l-għażiq tajjeb jiswa iżjed għax l-art tkun tista' tixrob u bl-inqix iżżomm l-indewwa kif tinħtieġ.

(*Jissokta fil-paġna 2, l-ewwel kolonna*)

## IL-BIEDJA F'DIĊEMBRU

IX-XITA li għamlet dax-xahar donnha trid iġġib dak li ntilef qabel, għax, kos, avvolja wieħed ikollu l-ilma u jsaqqi, l-uċuħ meta jasal Ottubru l-ilma mill-ajru jridu u bih biss jgħaddu 'l quddiem kif imisshom. Il-kabOċċi, il-pastard u xitel ieħor tal-kromb malajr qajmu rashom, għalkemm bosta xitel tal-bikri għama u spiċċa fix-xejn.

Fi snin oħra konna nistennew is-sajf ta' San Martin u l-biedja kienet tifraħ ħafna bih. Din is-sena s-sajf ta' San Martin kompla mas-sajf ta' qablu, u l-biedja flok il-bnazzi wara l-maltemp kienet għadha titlob ix-xita.

X'uħud mill-bdiewa tħassbu x'jagħmlu bil-patata, għax biċċa minnha nibtet malli nżergħet u oħra nibtet wara x-xita, allura kont tara patata mlaħħqa u oħra għadha kemm bdiet tfiġġ mill-wiċċ. Il-bdiewa fejn kien hemm ftit qalgħuha u fejn kien hemm il-bosta li nibtet tard ħallewha. Jekk ma jagħmilx silġ u frisk żejjed tilħaq tħaxxen xi ftit.

Wara x-xita tara ħafna raba' mimli bil-ħaxix ħażin! Bin-nuqqas tad-demel naturali tkun ħasra jekk il-ħaxix ħażin jiekol l-art. Għandna dejjem niftakru illi ħaxixa tkun tajba jew ħażina xorta tinħtieġ ikel biex tikber. F'Għawdex il-ħaxixa Ingliża nfirxet wisq u kull ma tmur qegħda toktor. Biex tinqered din għandha tingħażaq fil-miblul u spiss.

Mela jiħtieġ li neqirdu kull xorta ta' ħaxix ħażin biex insalvaw is-sustanzi li hemm fl-art għal uċuħ meħtieġa. Barra milli jiekol l-art, il-ħaxix ħażin iżomm fuqu u jxerred fuq uċuħ oħra kull xorta ta' dud u mard.

Wieħed jista' issa jiżra' xi ftit patata bikrija f'xi post kenni u xemxi, u jista' wkoll jitħawwel xi ftit basal u jinżera' l-basal tal-pikles.

Wieħed jista' jaħseb għal ftit tadam, bżar u brinġiel tal-bikri. Dan iż-żrigħ irid isir fi ħmiemel sħan u jkun jinħtieġ li jitgħattew jew li wieħed juża l-bqajjaq. Dan ix-xitel ma jkampax jekk wieħed ma jħarsux mill-ksieħ tal-lejl u minn xi bexxa silġ.

Infakkru dejjem illi l-aħjar żrigħ tal-patata hu bejn San Pawlijiet u iżjed ma jkun qrib San Pawl ta' Frar aħjar!

Issa jinżera' l-qamħ, għalkemm hemm ħafna, min ħaseb biex żergħu bikri; l-aħjar żmien hu fil-jiem tal-Milied. It-tomnija tinżera' għall-aħħar tax-xahar jew f'Jannar. Fil-ġonna jista' wieħed jibda jlaqqam il-għanbaqar, iċ-ċiprisk, il-berquq, u l-lanġas, u l-frott irqiq kollu.

## KELMTEJN MILL-EDITUR

(*Jissokta mill-paġna 1*)

Mit-tajjeb għall-ħażin m'hemmx differenza, ix-xogħol xorta jrid isir, anzi x-xogħol ħażin iktarx ikollu jsir spiss għax ma jiswiex. Bidwi li jagħmel xogħol tajjeb malajr tagħarfu mill-prodotti li jkollu. Kultant issib min igħidlek, imma għaliex it-tali jkollu dejjem tant prodotti tajbin u sbieħ li jġibu għira lil sħabu? Is-sigriet hu wieħed—*għaqal u xogħol.*

* * *

Issa, jekk Alla jrid, nerġgħu niltaqgħu fl-ewwel tas-sena, mela nixtieqy lill-qarrejja tagħna kollha u lill-bdiewa żgħar u kbar, nisa u rġiel, il-Milied it-Tajjeb lilhom u lill-familji tagħhom.

## IS-SWIEQ TAL-PAJJIŻ

### IL-PASTARD U L-KABOĊĊI

IL-PRODOTT bikri tal-pastard u tal-kaboċċi bata wisq din is-sena mħabba li x-xita damet wisq ma bdiet. Id-dud mess il-qliebi u bosta xitel għamew.

Dawn il-jiem beda jidher xi ftit pastard sabiħ, l-iżjed dwar is-Siġġiewi. Xi kaboċċi magħquda tajjeb ukoll dehret u nittamaw li jkun hawn abbundanza minnhom. Il-pastard u l-kaboċċi ta' daż-żmien hu l-aħjar, għax issa jkunu f'waqthom u fit-togħma jkunu tabilħaqq bnien.

### IL-BASAL

Malli l-basal tneħħa minn fuq il-lista tal-mieta beda minnufih jidher fis-suq. Malli reġa' deher fuq il-lista bil-prezz ta' 1s.4d. ir-ratal bl-imnut (6s. il-wiżna bl-ingrossa) allura reġa' malajr inħeba! X'kull waħda! Tabilħaqq dawn huma sħarijiet? Il-basal reġa' mar fuq is-suq moħbi!

Jaħasra! Il-basal issa jibda jitlef ħafna mill-pis, jibda jnebbet u jitlef minn 15 fil-mija 'l fuq. Tabilħaqq ma jaqbilx li wieħed jaħbih biex ibigħu iżjed bil-għoli.

### QARA' AHMAR

Qabel ma l-Gvern għamel il-prezz ta' £5 il-qantar għall-qara' aħmar, hu tkellem ma' bdiewa li kienu interessati fil-bejgħ tiegħu, u kollha kienu kuntenti ħafna bil-prezz, u m'għandux għax ma jkunux, għaliex bil-prezz ta' 5s. il-wiżna bl-ingrossa hu prezz mhux biss tajjeb, imma tajjeb iżżejjed! Iżda x'ġara? Il-bdiewa li kienu rġiel taw malajr il-qara' li kellhom lill-Gvern, fil-waqt li xi oħrajn aktar rgħiba ħbewh bil-ħsieb li jbigħuh fis-suq moħbi! Il-Gvern għamel dan il prezz u fi ħsiebu li jħallih hekk. L-ebda sitt ħabbiet ma jogħla sakemm tibqa' l-aħħar qara' ta' l-istaġun.

Issa l-Gvern beda jirrekwisizzjona l-qara' bil-5s. X'jiġifieri? Jiġifieri li l-Gvern jordna li kull bidwi biex il-qara' jagħtihulu bil-5s. Il-Gvern jaf il-qara' li fadal fejn qiegħed u għand min qiegħed. Dawk li jagħtuh huma bil-kelma t-tajba, jieħdu £5 il-qantar; imma jekk il-Gvern imur jieħdu hu, allura l-Gvern iħallas il-prezz tar-rekwisizzjoni, jiġifieri £5 il-qantar *bl-10 fil-mija inqas*! Jiġifieri fejn jieħu l-Gvern ta' bilfors jieħdu 4s.6d. il-wiżna għax inaqqas 6d. fil-wiżna tar-rekwisizzjoni. Il-qara' li hemm il-Baħrija, Ħad-Dingli, l-Imtaħleb u dawk l-inħawi kollu jaf bih il-Gvern, u kollu jaf għand min qiegħed. Wieħed jaqbillu jżomm dak li għandu bżonn hu u għall-familja u l-bqija jgħid lill-Gvern jiġi għalih, jew jibagħtu fl-imħażen tal-Gvern ħdejn il-pitkali, Birkirkara. Min iġib il-qara' aħmar hu stess jew jibagħtu f'dawn l-imħażen, jieħu 2d. (żewġ soldi) fil-wiżna iżjed, għat-trasport.

### HADD MA JISTA' JBIEGHU LIL HADDIEHOR

Meta l-bdiewa jagħmlu hekk, jiġifieri jaħbu l-qara', allura jħassru x-xogħol ûtli kollu li l-Gvern jagħmel għall-ġid tal-bidwi, u darb'oħra flok li l-Gvern jagħmel prezzijiet biex igħin lill-bdiewa, bħalma għamel għall-patata taxxitwa, allura jordna xort'oħra, ħaġa li ħadd minna ma jixtieqha! Mela meta hemm prezz tajjeb jiħtieġ li nbaxxu rasna u ma nippruvawx niksbu prezz ogħla fis-suq moħbi.

### IL-PATATA

Meta l-Gvern ħallas £10 il-qantar għall-patata taxxitwa, biex ibigħha lill-pubbliku bil-£1.13s.4d. il-qantar, bla dubju ta' xejn kien maħsub illi l-bdiewa għandhom jieħdu patata safja u nadifa. Dan ma jfissirx illi l Gvern stenna illi l-bdiewa joqogħdu jaħsluha waħda waħda, imma lanqas stenna li jkollha magħha bosta trab. Mela jew il-bdiewa jieħdu lill-Gvern il-patata mingħajr ħamrija jew il-Gvern ikollu jnaqqas tant fil-mija mill-pis (minn 2 fil-mija 'l fuq) skond it-trab li jkun hemm!

It-tgergir hawnhekk ma hawnx loku. Ħadd ma għandu jistenna illi l-Gvern sejjer jixtri l-ħamrija bin-nofs lira l-wiżna!

Jidhrilna hawnhekk illi hu *dmir* is-sensala kif ukoll il-piżaturi li jxerrdu dan it-tagħrif qalb il-bdiewa, u li jaraw illi l-mili jsir kif jixraq! Il-Gvern bid-dritt kollu jistenna għajnuna mis-sensala u mhux tfixkil.

Jiħtieġ ilkoll nifhmu illi l-Gvern qed jagħmel dan biex isir tqassim ta' patata fost kulħadd skond il-ħaqq u kif

(*Jissokta fil-paġna 3, it-tieni kolonna*)

